Nru./No. 20,850
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2022
Tuesday, 3rd May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7713 - 7731
Government Notices ..... *7713 - 7731*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7731 - 7732
Police Notices ..... *7731 - 7732*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7732 - 7734
Notices to Mariners ..... *7732 - 7734*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7735 - 7739
Employment Opportunities ..... *7735 - 7739*

Avviżi tal-Gvern ..... 7739 - 7741
Notices ..... *7739 - 7741*

Offerti ..... 7741 - 7746
Tenders ..... *7741 - 7746*

Avviżi tal-Qorti ..... 7746 - 7780
Court Notices ..... *7746 - 7780*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 466

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,847 tat-28 ta' April, 2022 (Avviżi Legali 120 sa 126).

A.L. 120 tal-2022: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-*Income*.

A.L. 121 tal-2022: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà.

A.L. 122 tal-2022: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijet tal-artikolu 23.

A.L. 123 tal-2022: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 5).

A.L. 124 tal-2022: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar l-Iżolament Personali ta' Persuni li għandhom Dijanjosi.

A.L. 125 tal-2022: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); It-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar.

A.L. 126 tal-2022: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 6).

It-3 ta' Mejju, 2022

Nru. 467

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Bernice Camilleri biddlet kunjomha għal Camilleri Balzia b'seħħ mid-Digriet maħruġ mill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili nhar l-20/4/2022

DOTTOR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-3 ta' Mejju, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 466

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,847 of 28th April, 2022 (Legal Notices 120 to 126).

L.N. 120 of 2022: Income Tax Act (Cap. 123); Income Tax Exemption (Amendment) Order, 2022.

L.N. 121 of 2022: Income Tax Act (Cap. 123); Exemption from Tax on Certain Property Transfers (Amendment) Rules, 2022.

L.N. 122 of 2022: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Exemption of Duty in terms of article 23 (Amendment) Order, 2022.

L.N. 123 of 2022: Public Health Act (Cap. 465); Travel Ban (Extension to All Countries) (Amendment No. 5) Order, 2022.

L.N. 124 of 2022: Public Health Act (Cap. 465); Self-Isolation Of Diagnosed Persons (Amendment) Order, 2022.

L.N. 125 of 2022: Public Health Act (Cap. 465); Second Repealing Regulations, 2022.

L.N. 126 of 2022: Public Health Act (Cap. 465); Period of Quarantine (Amendment No. 6) Order, 2022.

3rd Mejju, 2022

No. 467

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Bernice Camilleri has changed her surname to Camilleri Balzia with effect from Decree issued by the Court of Revision of Notarial Acts dated 20/4/2022.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

3rd May, 2022

Nru. 468

AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA

Skema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u fl-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji

SABIEX tgħin lill-organizzazzjonijiet volontarji fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħhom u biex jiġu indirizzati l-miri nazzjonali ta' sostenibbiltà, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma qed tamministra l-iskema ffinanzjata fil-livell nazzjonali li ġejja. L-għan tal-iskema huwa li jiġi promoss l-investiment minn organizzazzjonijiet volontarji lejn l-implimentazzjoni ta' interventi approvati u rilevanti fuq jew fi ħdan il-bini tagħhom li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-konservazzjoni tal-ilma.

1. Interpretazzjoni

F'din l-Iskema, sakemm il-kuntest ma jkunx jirrikjedi mod ieħor:

'Aġenzija' u 'EWA' tfisser l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma;

'Applikant' tfisser Organizzazzjoni Volontarja eliġibbli li tissottometti applikazzjoni biex tirċievi finanzjament f'termini ta' din l-Iskema. L-Applikant irid ukoll jissodisfa r-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż;

'Applikazzjoni' tfisser applikazzjoni għall-parteċipazzjoni magħmula b'tali mod kif meħtieġ mill-Aġenzija u skont ir-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż;

'Benefiċjarju' tfisser Applikant eliġibbli li jkun ingħata Għotja wara li jkun issottometta applikazzjoni b'suċċess għall-finanzjament fl-ambitu ta' din l-Iskema u li jiffirma Ftehim ta' Għotja mal-Aġenzija għal dan il-għan.

'Data effettiva' tfisser l-11 ta' Mejju 2022 mill-10.00 am u tispiċċa fil-31 ta' Mejju 2022 f'nofsinhar, li fiha se jiġu aċċettati applikazzjonijiet kif iddikjarat f'dan l-Avviż;

'Għotja' tfisser is-somma jew is-somom ta' flus li għandhom jingħataw lill-Benefiċjarji f'konformità ma' din l-Iskema u Ftehim ta' Għotja debitament iffirmat;

'Ftehim ta' Għotja' tfisser ftehim debitament iffirmat bejn l-applikanti magħżula u l-Aġenzija, li jikkonferma l-allokazzjoni ta' Għotja biex jitwettqu l-interventi li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità ma' din l-Iskema;

No. 468

THE ENERGY AND WATER AGENCY

Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations

IN order to assist voluntary organisations in reducing their energy and water consumption and to address the national sustainability targets, the Energy and Water Agency is administering the following nationally funded scheme. The aim of the scheme is to promote investment by voluntary organisations towards the implementation of approved and relevant interventions upon or within their premises leading to improved energy efficiency and water conservation.

1. Interpretation

In this Scheme, unless the context otherwise requires:

'Agency' and 'EWA' means the Energy and Water Agency;

'Applicant' means an eligible Voluntary Organisation which submits an application to receive funding in terms of this Scheme. Applicant must also satisfy the rules shown in Schedule I to this Government Notice;

'Application' means an application for participation made in such a manner as required by the Agency and in terms of the rules shown in Schedule I to this Government Notice;

'Beneficiary' means an eligible Applicant which has been awarded a Grant after successfully submitting an Application for funding under this Scheme and signing a Grant Agreement with the Agency to this effect.

'Effective date' means the 11th May 2022 starting from 10.00 a.m. and ending on the 31st May 2022 at noon, during which applications shall be accepted as stated in this notice;

'Grant' means the sum or sums of money to be provided to Beneficiaries in accordance with this Scheme and a duly signed Grant Agreement;

'Grant Agreement' means an agreement duly signed between successful applicants and the Agency, confirming the allocation of a Grant to carry out interventions applied for, in line with this Scheme;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'Perit' tirreferi għal arkitett jew inġinier ċiviku jew strutturali li jkun ingħata awtorizzazzjoni u huwa rrikonnoxxut mill-awtorità kompetenti biex jeżerċita l-professjoni tiegħu f'Malta;

'Bini' tfisser il-proprjetà immobbli li fiha jew fuqha għandhom jitwettqu l-interventi li għalihom qed jintalab finanzjament skont din l-Iskema, liema proprjetà immobbli għandha tintuża kif suppost mill-Applikant biex jissodisfa l-għanijiet li għalihom tkun ġiet stabbilita l-VO u barra minn hekk għandha tkun proprjetà:

a) tal-Applikant; jew

b) tal-Gvern miżmuma mill-Applikant taħt titolu ta' kirja jew enfitewsi mill-Gvern; jew

c) Miżmuma mill-Applikant taħt titolu ta' kirja jew enfitewsi suġġetta għal terminu ta' kirja pendenti ta' mill-inqas għaxar (10) snin wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

'Skema' tfisser l-iskema stabbilita minn dan l-Avviż u regolata mir-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż u li permezz tagħha l-Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu japplikaw biex jingħataw fondi ħalli jwettqu interventi ta' effiċjenza enerġetika u ta' konservazzjoni tal-ilma, li jinżammu funzjonali fil-Bini użat mill-Applikant;

'Organizzazzjoni Volontarja' tfisser organizzazzjoni volontarja kif definita fl-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492) u li hija rreġistrata f'termini tal-istess Att;

'Inġinier awtorizzat' tirreferi għal inġinier li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321);

2. Ħarsa Ġenerali

L-objettiv ewlieni ta' din l-Iskema huwa li tappoġġa lill-organizzazzjonijiet volontarji fit-tnaqqis tal-konsum ġenerali tal-enerġija u tal-ilma tagħhom permezz ta' żieda fl-effiċjenza enerġetika, u/jew tnaqqis fl-użu tal-ilma, u/jew żieda fil-provvista tal-ilma. L-assistenza hija maħsuba biex tiffaċilita l-investiment f'soluzzjonijiet li jikkontribwixxu direttament u b'mod tanġibbli lejn dawn l-objettivi.

L-interventi eliġibbli fl-ambitu ta' din l-iskema għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

'Malta' means the Maltese Islands;

'Perit' refers to an architect and civil engineer which has been granted a warrant and is acknowledged by the National Competent Authority in Malta, enabling the Perit to practice their profession in Malta;

'Premises' means the immovable property in or upon which the interventions for which funding is sought under this Scheme are to be carried out, which immovable properly shall be used by the Applicant for the fulfilment of the purposes for which the VO was set up and shall furthermore be property which is either:

a) Owned by the Applicant; or

b) Government owned property held by the Applicant under a title of lease or emphyteusis from the government; or

c) Held by the Applicant under a title of lease or emphyteusis subject to an outstanding lease term of at least ten (10) years following the submission of the application;

'Scheme' means the scheme established by this notice and regulated by the rules shown in Schedule I to this Government Notice whereby Voluntary Organisations may apply to be awarded funds to carry out energy efficiency and water conservation interventions, that are kept functional in the Premises used by the Applicant;

'Voluntary Organisation' means a voluntary organisation as defined in Article 3 of the Voluntary Organisations Act (Cap. 492) and which is enrolled in terms of the same Act;

'Warranted engineer' refers to an engineer which has been granted a warrant under article 4 of the Engineering Profession Act (Cap.321);

2. Scheme Overview

The main objective of this Scheme is to support voluntary organisations in reducing their overall energy and water consumption through an increase in energy efficiency, and/or reduction in water use, and/or augmentation of water supply. The assistance is intended to facilitate investment in solutions that contribute directly and tangibly towards these objectives.

Eligible interventions under this scheme shall satisfy the following criteria:

Kategorija	**Kriterji Kodiċi/ Deskrizzjoni**	**Interventi Eliġibbli**
Category	***Criteria Code/ Description***	***Eligible Interventions***
Żieda fl-Effiċjenza u fil-Provvista tal-Ilma	**W1** Tnaqqis fil-Fluss tal-Ilma	Interventi li għandhom l-għan li jaġġustaw il-fluss jew l-ammont ta' ilma użat f'installazzjonijiet sanitarji eżistenti bħal sinkijiet, sinkijiet għall-ħasil tal-idejn, showers u toilets. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - l-aġġustament tal-fluss fil-viti eżistenti billi jiġu installati arjaturi, u/jew valvi li jnaqqsu l-pressjoni; - il-bdil tal-viti eżistenti għal dawk attivati b'sensur, għall-viti bil-ħin, jew għall-mixers b'żewġ stadji; - l-installazzjoni ta' toilets b'żewġ flaxxjaturi (fejn ma jkunux diġà eżistenti), valvi għall-flaxing ġodda, jew l-installazzjoni ta' valvi tal-fluss ġodda.
Water Efficiency and Supply Augmentation	***W1*** *Water Flow Reduction*	*Interventions that aim at adjusting the flow or amount of water used in existing sanitary installations such as sinks, handwash basins, showers and toilets. Eligible interventions shall be:* - *adjustment of flow in existing faucets by installing aerators, and/or pressure reducing valves;* - *changing existing faucets to sensor activated, timed faucets, or two-step mixers;* - *installation of dual flush toilets (where not already present), new flush valves, or installation of new float valves.*
	W2 Restawr ta' Ġibjuni	L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - it-tindif u t-tiswijiet fil-bjar eżistenti; - it-tindif u t-tiswijiet tal-ġibjuni eżistenti tal-ilma.
	W2 *Reservoir Restoration*	*Eligible interventions shall be:* - *cleaning and repairs to existing wells;* - *cleaning and repairs to existing water reservoirs.*
	W3 Network Sekondarju	L-installazzjoni ta' network ta' distribuzzjoni sekondarju għall-użu tal-ilma tax-xita miġbur. L-installazzjonijiet jistgħu jitwettqu biex isir użu mill-ilma tax-xita miġbur eżistenti fi bjar/ġibjuni jew iżidu l-ġbir tal-ilma tax-xita minn żona ta' ġbir identifikata. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - l-installazzjoni ta' pompi; - l-installazzjoni ta' kontrolluri; - l-installazzjoni ta' networks tal-pajpijiet; - l-installazzjoni ta' tankijiet tal-ħżin tal-ilma (il-ħżin 'il fuq mill-art għal żoni ġodda ta' ġbir tal-ilma jew flimkien mal-ġibjun jew mal-bir eżistenti tal-ilma tax-xita); - l-installazzjoni ta' materjali oħra meħtieġa biex jappoġġaw dan in-network ta' distribuzzjoni.

	W3 *Secondary Network*	*Installation of secondary distribution network for the use of harvested rainwater. Installations can be carried out to make use of existing harvested rainwater in wells/reservoirs or add rainwater harvesting from an identified catchment area. Eligible interventions shall be:* - *installation of pumps;* - *installation of controllers;* - *installation of pipe networks;* - *installation of water storage tanks (above ground storage for new catchment areas or in addition to the existing rainwater reservoir or well);* - *installation of other materials needed to support this distribution network.*
	E1 Tisħin tal-Ilma	It-titjib tas-sistemi tat-tisħin tal-ilma, il-mudell il-ġdid għandu jkun ta' kapaċità/potenza simili sakemm ma jiġix ippruvat li l-prestazzjoni tat-tagħmir eżistenti tkun inqas mil-livell standard minħabba l-kapaċità/il-potenza/id-daqs. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - is-sostituzzjoni tal-ħiters tal-ilma elettriċi b'ħiters tal-ilma solari jew b'pompi tas-sħana mill-arja għall-ilma; - is-sostituzzjoni tal-ħiters tal-ilma li jaħdmu bil-gass b'ħiters tal-ilma solari jew b'pompi tas-sħana mill-arja għall-ilma.
	E1 *Water Heating*	*Improving water heating systems, the new model shall be of similar capacity/power unless it is proved that the existing equipment is underperforming due to capacity/power/size. Eligible interventions shall be:* - *replacement of electric water heaters with solar water heaters or air to water heat pumps;* - *replacement of gas water heaters with solar water heaters or air to water heat pumps.*
Effiċjenza tal-Enerġija	**E2** Effiċjenza tat-Tagħmir	L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - l-iskrappjar ta' apparati ineffiċjenti (inklużi unitajiet AC antiki) u s-sostituzzjoni b'mudelli ġodda. Il-mudelli l-ġodda jridu jipprovdu effiċjenza akbar fl-ilma u fl-enerġija; - it-titjib tal-muturi/tal-pompi bi trażmissjoni b'veloċità varjabbli.
Energy Efficiency	***E2*** *Equipment Efficiency*	*Eligible interventions shall be:* - *scrapping inefficient appliances (including old AC units) and replacement with new models. New models must provide increased water and energy efficiency;* - *upgrading motors/pumps with variable speed drives.*
	E3 Effiċjenza tad-Dawl	Is-sostituzzjoni jew il-modifika tat-tagħmir tad-dawl eżistenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu: - is-sostituzzjoni tal-luminarji eżistenti għal-LED; - iż-żieda jew is-sostituzzjoni ta' sistemi passivi oħra bħal sensuri tal-preżenza u/jew tad-dawl matul il-jum; - l-installazzjoni ta' sistemi ta' tbaxxija tad-dawl.
	E3 *Lighting Efficiency*	*Replacing or modifying existing lighting fixtures to increase energy efficiency. Eligible interventions shall be:* - *replacing existing luminaires to LED;* - *adding or replacing other passive systems such as presence and/or daylight sensors;* - *installation of dimming systems.*

L-applikanti jistgħu jipproponu kwalunkwe għadd ta' interventi taħt massimu ta' żewġ kriterji għal kull kategorija fl-applikazzjoni tagħhom. (Jistgħu jintgħażlu tnejn biss mill-kriterji W1, W2, W3, flimkien ma' żewġ kriterji minn E1, E2, u E3)

Hija r-responsabbiltà tal-Applikant li jiżgura li kwalunkwe intervent propost għall-użu tal-ilma tax-xita jkun f'konformità ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli u rilevanti, kif ukoll mar-Regolamenti u l-Linji Gwida dwar is-Saħħa u s-Sikurezza.

Hija r-responsabbiltà tal-Applikant li jiżgura li kwalunkwe intervent propost fuq is-sistemi tad-dawl esterni jkun konformi ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli u rilevanti, kif ukoll mar-Regolamenti u l-Linji Gwida taż-ŻER.

Il-proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin mhumiex meqjusa eliġibbli fl-ambitu ta' din l-iskema:

1. L-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi.

2. Oġġetti konsumabbli.

3. Xogħol ta' manutenzjoni (bl-esklużjoni tal-kriterju W2).

4. It-titjib fit-tagħmir jew fis-sistemi li jista' jkollhom impatt dirett fuq il-kompetizzjoni.

3. Benefiċarji

Din l-iskema hija miftuħa biss għall-Organizzazzjonijiet Volontarji biex tintuża fil-Bini tagħhom dment li l-kont tal-ARMS fir-rigward tas-servizz tal-elettriku u tal-ilma jkun f'isem l-Organizzazzjoni Volontarja.

Sabiex ikun eliġibbli għall-finanzjament fl-ambitu ta' din l-Iskema, l-Applikant għandu jissodisfa l-kriterji meħtieġa kif deskritti hawn u fir-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż, li bihom huwa mifhum li l-Applikant għandu:

i. iwettaq interventi proposti fil-Bini kif definit fit-Taqsima 3 tar-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż;

ii. jippermetti lill-organizzazzjonijiet rilevanti involuti fl-implimentazzjoni u l-kontroll ta' din l-Iskema, inklużi l-EWA, lir-rappreżentanti tal-EWA u lill-Awdituri biex jispezzjonaw, b'avviż raġonevoli, l-interventi mwettqa fuq jew fi ħdan il-Bini tal-Applikant;

iii. jaċċetta li d-data tal-Applikant tista' tidher fuq id-dokumenti pubbliċi jew tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-EWA;

Applicants may propose any number of interventions under a maximum of 2 criteria per category in their application. (Only 2 out of criteria W1, W2, W3 can be chosen, along with 2 criteria from E1, E2, and E3)

It is the responsibility of the Applicant to ensure that any proposed interventions for the use of rainwater are in accordance with any applicable and relevant legislation, as well as Health and Safety Regulations and Guidelines.

It is the responsibility of the Applicant to ensure that any proposed interventions on external lighting systems are in accordance with any applicable and relevant legislation, as well as ERA Regulations and Guidelines.

Projects which fall under the following categories are not considered eligible under this scheme:

1. Installation of photovoltaic panels.

2. Consumables.

3. Maintenance work (excluding criterion W2).

4. Improvements in equipment or systems which could have a direct impact on competition.

3. Eligibility

This scheme is open only to Voluntary Organisations for use on their Premises provided that the ARMS account with respect to the electricity and water service is in the Voluntary Organisation's name.

In order to be eligible for funding under this Scheme, the Applicant shall satisfy the required criteria as described here and in the rules shown in Schedule I to this Government Notice, by which it is understood that the Applicant shall:

i. carry out proposed interventions within Premises as defined in section 3 of the rules shown in Schedule I to this Government Notice;

ii. allow relevant organisations involved in the implementation and control of this Scheme including EWA, EWA representatives and Auditors to inspect, given reasonable notice, the interventions carried out upon or within the Applicant's Premises;

iii. accept that the Applicant's data may appear on public documents or be published on the EWA website;

iv. ma jkun kiseb l-ebda rifużjoni tat-taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis tal-kreditu tat-taxxa fuq l-input mit-taxxa fuq l-output f'termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew rifużjoni ta' taxxa oħra irrispettivament minn kif tiġi deskritta, fir-rigward tal-interventi mwettqa fl-ambitu ta' din l-iskema, u ma jistax jagħmel dan jekk jingħata Għotja fl-ambitu ta' din l-Iskema;

v. ma rċieva l-ebda forma ta' fondi għall-interventi proposti li għalihom saret applikazzjoni fl-ambitu ta' din l-Iskema;

vi. ikun Organizzazzjoni Volontarja rreġistrata u konformi mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji malgħeluq tad-Data Effettiva.

Jekk Applikant jissottometti aktar minn Applikazzjoni waħda fid-Data Effettiva, l-ewwel applikazzjoni sottomessa tiġi meqjusa li ġiet irtirata awtomatikament u l-pożizzjoni tagħha fil-lista ta' klassifikazzjoni tintilef. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jiġux vvalutati jew evalwati. Kwalunkwe Applikazzjoni sussegwenti sottomessa tiġi klassifikata f'konformità mal-ħin tas-sottomissjoni tagħha u ma tingħatax il-klassifikazzjoni tas-sottomissjoni preċedenti tal-Applikant.

Ir-regoli applikabbli huma suġġetti għal bidla. Hija r-responsabbiltà tal-Applikant li jiżgura li dawn ikunu konformi mal-aħħar verżjoni tar-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż. Il-komunikazzjoni kollha relatata ma' din l-Iskema għandha tkun permezz ta' email, permezz tal-indirizz/i tal-email ta' kuntatt ipprovdut(i) mill-Applikant filformola tal-applikazzjoni online. Hija r-responsabbiltà tal-Applikant li jimmonitorja l-indirizz/i tal-email msemmi(ja) fejn se tintbagħat il-komunikazzjoni relatata ma' din l-Iskema u li jwieġeb fil-ħin għal kwalunkwe komunikazzjoni mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

4. Dettalji tal-Għajnuna

L-għajnuna hija fil-forma ta' għotja. Din l-Iskema tista' tappoġġa investimenti f'assi u f'servizzi tanġibbli akkwistati bħala parti minn intervent imwettaq minn Applikant eliġibbli biex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika, żieda fl-iffrankar tal-ilma jew fil-provvista tal-ilma skont il-kriterji definiti f'dan l-Avviż u fit-Taqsima 4 tar-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż. L-ispejjeż imġarrba mill-Applikant qabel l-iffirmar tal-Ftehim ta' Għotja jew l-ispejjeż imġarrba fis-sottomissjoni tal-Applikazzjoni u d-dokumentazzjoni assoċjata fl-ambitu ta' din l-Iskema ma humiex eliġibbli.

L-ispiża minima eliġibbli hija ta' EUR 750 bil-VAT inkluża u l-ispiża massima eliġibbli kif deskritta fit-Taqsima 4 tar-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż hija limitata għal EUR 30,000 bil-VAT inkluża.

iv. not have obtained any tax rebate, deduction including deductions of input tax credit from the output tax in terms of the Value Added Tax Act (Cap 406), or other tax refund however so described, with regards to interventions carried out under this scheme, and shall not do so if awarded a Grant under this Scheme;

v. not have received any form of funding for the proposed interventions applied for under this Scheme;

vi. be a Voluntary Organisation enrolled and compliant with the Commissioner for Voluntary Organisations on closing of the Effective Date.

Should an Applicant submit more than one Application within the Effective Date, the first application submitted shall be deemed to be automatically withdrawn and its standing in the ranking list shall be lost. Such applications shall not be assessed or evaluated. Any subsequent Application submitted shall be ranked in line with its time of submission and shall not be granted the ranking of the Applicant's previous submission.

Applicable rules are subject to change. It is the responsibility of the Applicant to ensure they are in line with the latest version of the rules shown in Schedule I to this Government Notice . All communication related to this Scheme shall be via email, through the contact email address/es provided by the Applicant in the online application form. It shall be the responsibility of the Applicant to monitor said email address/es where communication related to this Scheme will be sent and to respond in a timely manner to any communication from the Energy and Water Agency.

4. Financial Support

The assistance shall be in the form of a grant. This Scheme may support investments in tangible assets and services procured as part of an intervention carried out by an eligible Applicant to achieve a higher level of energy efficiency, water savings or water supply augmentation as per criteria defined in this notice and section 4 of the rules shown in Schedule I to this Government Notice. Costs incurred by the Applicant prior to the signing of a Grant Agreement or costs incurred in the submission of the Application and the associated documentation under this Scheme shall not be eligible.

The minimum eligible cost shall be EUR 750 incl. VAT and the maximum eligible cost as described in section 4 of the rules shown in Schedule I to this Government Notice shall be capped at EUR 30,000 incl. VAT. The

L-ammont tal-għotja jkopri 90% tal-ispiża eliġibbli sa EUR 27,000 (bil-VAT inkluża).

Il-benefiċjarji jridu jikkofinanzjaw l-investiment fl-interventi billi jiffinanzjaw 10% tal-ispejjeż eliġibbli.

5. Mod ta' Applikazzjoni u Dokumentazzjoni ta' Sostenn

Se tinħareġ konferma għar-riċevuta ta' Applikazzjonijiet skont il-proċedura msemmija fit-Taqsima 2 tar-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż. L-Applikazzjoni tiġi vvalutata mill-Aġenzija u ittra li tikkomunika l-eżitu tagħha tintbagħat lill-applikant kif xieraq. Applikazzjoni valida trid tinkludi l-Formola tal-Applikazzjoni mimlija b'mod korrett u d-dokumentazzjoni ta' sostenn skont dan ta' hawn taħt.

Lista ta' dokumentazzjoni ta' sostenn:

1. Fotokopja tal-karta tal-identità/passaport tar-rappreżentant tal-Applikant;

2. Kont ta' utilità, maħruġ f'isem l-Organizzazzjoni Volontarja għall-konsum tal-elettriku u tal-ilma fil-Bini fejn għandhom jitwettqu l-interventi. Id-data tal-ħruġ tal-kont ta' utilità għandha tkun fi żmien tnax-il (12) xahar qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-Applikant jista' jissottometti wkoll dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jew ta' ARMS Ltd li tikkonferma li jeżisti kont, iżda ma jistax jinħareġ kont u li tipprovdi dettalji tad-detentur tal-kont, tal-iskema tal-konsumatur u tal-indirizz tas-servizz;

3. Kopja tal-kwotazzjonijiet li fihom id-dettalji tal-bejjiegħ u tax-xerrej. Il-kwotazzjonijiet sottomessi jridu jkunu marbuta b'mod ċar mal-interventi proposti kif deskritti fil-formola tal-applikazzjoni u jrid ikollhom prezzijiet segregati b'mod ċar, deskrizzjoni tal-prodott, u data tal-ħruġ;

4. Rapport Tekniku, mimli minn Inġinier Awtorizzat jew Perit bid-dettalji tal-interventi proposti, jissottometti l-konsum tal-enerġija u tal-ilma u l-iffrankar mistenni tal-enerġija u tal-ilma wara l-implimentazzjoni tal-interventi proposti. Meta l-interventi proposti jkollhom l-għan li jżidu l-provvista tal-ilma, għandha tiġi pprovduta stima tal-potenzjal ta' ġbir. L-applikazzjoni sottomessa għandha tiddikjara b'mod ċar liema tagħmir qed jitneħħa (fejn applikabbli), liema tagħmir qed jiġi installat u ġustifikazzjoni għal bidliet fid-daqs/fil-kapaċità tat-tagħmir ġdid propost jekk applikabbli. Il-mudell li għandu jintuża għar-rapport tekniku jista' jitniżżel mis-sit web tal-EWA.

Kull Applikazzjoni se tiġi vvalutata mill-Aġenzija jekk hijiex kompluta u konformi. Meta ssir l-applikazzjoni ssir verifika jekk l-Applikant huwiex irreġistrat b'mod validu

grant amount shall cover 90% of the eligible cost up to EUR 27,000 (incl. VAT).

Beneficiaries shall co-fund the investment in the interventions by financing 10% of the eligible costs.

5. Manner of Application and Supporting Documentation

An acknowledgment will be issued for the receipt of Applications as per procedure mentioned in section 2 of the rules shown in Schedule I to this Government Notice. The Application shall be assessed by the Agency and a letter communicating the outcome thereof shall be sent to the applicant accordingly. A valid Application shall include the Application Form correctly filled in and supporting documentation as per below.

List of supporting documentation:

1. Photocopy of ID card/passport of the Applicant representative;

2. A utility bill, issued in the name of the Voluntary Organisation for the consumption of electricity and water at the Premises where the interventions are to be carried out. The date of issue of the utility bill shall be within the twelve (12) months prior to the date of application submission. The Applicant may also submit a statement signed by a Water Services Corporation or ARMS Ltd official confirming that an account exists, but a bill cannot be issued and providing details of the account holder, consumer scheme and service address;

3. Copy of quotations containing seller and buyer details. Quotations submitted must be clearly linked to the proposed interventions as described in the application form and must have clearly segregated prices, description of product, and date of issue;

4. Technical Report, filled in by a Warranted Engineer or Perit with details of the interventions proposed, present energy and water consumption and the expected savings of energy and water after the implementation of the proposed interventions. Where the interventions proposed aim to augment water supply, an estimate of the harvesting potential shall be provided. The submitted application shall clearly state what equipment is being removed (where applicable), what equipment is being installed and justification for changes in size/capacity of proposed new equipment if applicable. The template to be used for the technical report can be downloaded from the EWA website.

Each Application will be assessed by the Agency for completeness and compliance. Verification that Applicant is validly enrolled as a Voluntary Organisation shall be carried

bħala Organizzazzjoni Volontarja. Jekk il-kriterji tal-iskema jiġu ssodisfati u l-Applikazzjoni, jew parti minnha, ikollha eżitu pożittiv, l-Applikant jirċievi Ittra ta' Notifika għal dan il-għan.

Wara l-ħruġ tal-Ittra ta' Notifika, l-applikant jiġi kkuntattjat biex jiffirma Ftehim ta' Għotja mal-Aġenzija. Il-Ftehimiet ta' Għotja jkunu validi għal sitt (6) xhur. F'dan l-istadju biss il-Benefiċjarju jista' jixtri u jinstalla kwalunkwe prodott meħtieġ għall-interventi approvati. L-iżborż tal-Għotja skont id-dettalji mogħtija hawn fuq se jibda wkoll wara li jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Għotja, fil-perjodi ta' żmien imsemmija hawn fuq. Kwalunkwe spiża mġarrba qabel l-iffirmar tal-Ftehim ta' Għotja ma tkunx eliġibbli.

L-Aġenzija se tirrifjuta kwalunkwe Applikazzjoni jew parti minnha:

i. meta l-Applikazzjoni tiġi sottomessa b'dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa jew mhux korretta;

ii. meta tqis li l-kwotazzjonijiet ipprovduti fihom prezzijiet eżaġerati;

iii. meta tqis li l-intervent propost mhuwiex konformi mal-objettivi tal-iskema kif indikat fit-Taqsima 4 tar-Regoli murija fl-Skeda I ta' dan l-Avviż. Jekk fl-Applikazzjoni jkun qed jiġi propost aktar minn intervent wieħed, kull intervent propost jiġi vvalutat individwalment u l-Aġenzija tista' tirrifjuta partijiet mill-applikazzjoni kif meqjus xieraq;

iv. meta d-dokumentazzjoni ta' sostenn sottomessa ma tkunx mimlija;

v. meta l-kjarifiki mitluba ma jiġux ipprovduti fil-perjodu ta' żmien indikat mill-Aġenzija.

L-Applikanti li jirċievu Ittra ta' Rifjut jistgħu jagħżlu li l-Applikazzjoni tagħhom tiġi rieżaminata f'konformità mal-mekkaniżmu deskritt fit-Taqsima 11 tar-Regoli murija fi Skeda I ta' dan l-Avviż, dment li l-mekkaniżmu ta' rieżami jkun disponibbli biss għal dawk l-Applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom ma jkunux ġew miċħuda bħala riżultat ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' fondi.

Wara t-tlestija tal-interventi ffinanzjati, il-Benefiċjarju jrid jissottometti formoli ta' tlestija u dokumentazzjoni ta' sostenn kif meħtieġ mill-Ftehim ta' Għotja. L-Aġenzija se tivvaluta t-talba sottomessa mal-applikazzjoni inizjali u l-Ftehim ta' Għotja. Fejn ikun meħtieġ, l-Aġenzija se twettaq żjara fuq il-post bi spejjeż tagħha stess. Jekk il-valutazzjoni tkun sodisfaċenti u tkun ġiet sottomessa d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, jiġi pproċessat l-iżborż tal-aħħar ammont

out at the time of application. If the scheme criteria are met and the Application, or a part thereof, is successful, the Applicant will receive a Notification Letter to this effect.

Following the issuing of the Notification Letter the Applicant will be contacted to sign a Grant Agreement with the Agency. Grant Agreements shall be valid for six (6) months. Only at this stage may the Beneficiary purchase and install any products required for the approved interventions. Grant disbursement as per details given above will also commence after the Grant Agreement is signed, within the timeframes mentioned above. Any cost incurred prior to the signing of the Grant Agreement is not eligible.

The Agency shall reject any Applications or parts thereof:

i. where the Application is submitted with missing or incorrect supporting documentation;

ii. where it deems that the quotations provided contain inflated prices;

iii. where it deems that the proposed intervention is not in line with the objectives of the scheme as indicated in Section 4 of the rules shown in Schedule I to this Government Notice. If more than one intervention is being proposed in the Application, each proposed intervention will be assessed individually and the Agency may reject only parts of the application as deemed appropriate;

iv. where the supporting documentation submitted is not filled in;

v. where clarifications requested are not provided within the timeframe indicated by the Agency.

Applicants which receive a Rejection Letter may choose to have their Application reviewed in line with the mechanism described in Section 11 of the rules shown in Schedule I to this Government Notice, provided that the review mechanism shall only be available to those Applicants whose applications were not rejected as a result of unavailability of funds.

Following completion of the funded interventions, the Beneficiary shall submit completion forms and supporting documentation as required by the Grant Agreement. The Agency will assess the claim submitted against the initial application and Grant Agreement. Where necessary, the Agency shall at its own expense carry out a site visit. If the assessment is satisfactory and all the required documentation has been submitted, disbursement of the last amount of the

tal-għotja. Wara l-ħlas, il-Benefiċjarju jkun meħtieġ li jipparteċipa fi kwalunkwe awditu li jista' jitwettaq għal perjodu ta' sentejn mill-konklużjoni tal-Ftehim ta' Għotja. Jekk l-interventi approvati ma jkunux kompluti u/jew il-formoli ta' talba meħtieġa ma jiġux sottomessi fl-iskadenzi tal-Ftehim ta' Għotja u f'konformità mal-Ftehim ta' Għotja, l-Aġenzija tirriżerva d-dritt li żżomm jew tissospendi l-ħlas mitlub mill-Applikant u/jew tesiġi lill-Applikant iħallas lura kwalunkwe fond żborżat.

6. Proċess tal-Applikazzjoni

Applikanti jistgħu japplikaw biex jipparteċipaw fl-Iskema billi jużaw il-formola li tinsab fi Skeda II ta' dan l-Avviż u kif imniżżel fir-Regoli murija fi Skeda I ta' dan l-Avviż.

7. Tul tal-Iskema

L-applikazzjonijiet għal din l-Iskema jistgħu jiġu riċevuti b'mod validu matul id-data effettiva ta' din l-Iskema. Applikazzjonijiet bħal dawn se jiġu rikonoxxuti, ipproċessati u kklassifikati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, suġġett għad-disponibbiltà tal-fondi.

Din l-Iskema tista' tiġġedded, tiġi mmodifikata jew tintemm kmieni, inkluż għal raġunijiet ta' abbonament żejjed, permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern kif meqjus meħtieġ mill-Aġenzija.

Is-sistema ta' applikazzjonijiet online se toħloq lista tas-sottomissjonijiet u tieqaf taċċetta iktar applikazzjonijiet meta l-fondi għall-iskema jiġu allokati proviżorjament, suġġett għal verifika u aċċettazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi.

8. Emendi għall-Iskema

L-Aġenzija għandha d-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda għal din l-Iskema permezz ta' Avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun fih tali emendi.

Skeda I

Regoli tal-Iskema jinstabu fuq is-sit web tal-EWA (www.energywateragency.gov.mt)

Skeda II

Formola tal-Applikazzjoni tinsab fis-sit web tal-EWA (www.energywateragency.gov.mt)

It-3 ta' Mejju, 2022

grant will be processed. Following payment, the Beneficiary shall be required to participate in any audits that may be carried out for a period of two (2) years from the conclusion of the Grant Agreement. If the approved interventions are not completed and/or the required claim forms are not submitted within the Grant Agreement deadlines and in line with the Grant Agreement, the Agency reserves the right to withhold or suspend payment requested by the Applicant and/or require the Applicant to repay any funds disbursed.

6. Application Process

Applicants may apply to participate in the Scheme through the application form found in Schedule II to this Government Notice and as stated in the rules found in Schedule I to this Government Notice.

7. Duration of the Scheme

Applications for this Scheme may be validly received via the online portal during the effective date of this Scheme. Such applications will be acknowledged, processed and ranked on a first come first served basis, subject to availability of funds.

The online application system shall generate an automated list of submissions and shall not accept further application submissions once the funds for the scheme have been provisionally allocated, subject to review and acceptance of submitted applications.

This Scheme may be renewed, modified or terminated early, including for reasons of oversubscription, by means of a Notice in the Government Gazette as deemed necessary by the Agency.

8. Amendments to the Scheme

The Agency shall have the right to make any amendments to this Scheme by means of a Notice published in the Government Gazette containing such amendments.

Schedule I

Scheme Rules available on EWA website (www.energaywateragency.gov.mt)

Schedule II

Application Form available on EWA website (www.energaywateragency.gov.mt)

3rd May, 2022

Nru. 469

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Ħaż-Żebbuġ(M), hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 469

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Ħaż-Żebbuġ(M), specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

TRIQ DUN SALV CIAPPARA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Luret Callus *Left side entering from Triq Dun Luret Callus*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Luret Callus *Right side entering from Triq Dun Luret Callus*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Falcon	1	Margerita	2
Ritienne (Ħanut)	3	Garaxx	4
Simply Clean (Ħanut)	5	Joe Grace House	6
Shangri-La	7	Garaxx	8
Garaxx	9	Redentur	10
La Gioia	11	Halcyon	12
Garaxx	13	Garaxx	14
Edera	15	Charmar	16
Garaxx	17	Garaxx	18
Arcadia	19	Jamming	20
Garaxx	21	Garaxx	22
Sit bla bini	23	Sit bla bini	24
Sit bla bini	25	Sit bla bini	26
Sit bla bini	27	Sit bla bini	28
Sit bla bini	29	Sit bla bini	30
Sweet September	31	Sit bla bini	32
Garaxx	33	Sit bla bini	34
Garaxx	35	Sit bla bini	36
Trevi	37	Sit bla bini	38
Insieme	39	Sit bla bini	40
Garaxx	41	Sit bla bini	42
Garaxx	43	Garaxx	44
3, St. Philip	45	Garaxx	46
Meadow Vale	47	Żerniq	48
Tbissima	49	Garaxx	50
Garaxx	51	Garaxx	52
Garaxx	53	Garaxx	54
Edelweiss/Aphrodite	55	Garaxx	56
Garaxx	57	20, Scorlib	58
Garaxx	59		
Garaxx	61		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Gardenia	63		
The Criterion	65		
Garaxx	67		
Garaxx	69		
Garaxx	71		
Warda Mistika	73		
Garaxx	75		
Garaxx	77		
Garaxx	79		
Sit bla bini	81		
Garaxx	83		
Plaisarce	85		
Garaxx	87		
Spiżerija Ħal Mula	89		
Spiżerija Ħal Mula	91		
Mingle Stone	93		
Garaxx	95		
The Pearl	97		
Garaxx	99		
Garaxx	101		
Garaxx	103		

It-3 ta' Mejju, 2022

Nru. 470

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAD-DINGLI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 833 tat-12 ta' Settembru, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħad-Dingli', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

3rd May, 2022

No. 470

NUMBERING OF DOORS AT ĦAD-DINGLI

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 833 dated 12th September, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Ħad-Dingli', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAD-DINGLI

23. TRIQ IL-KBIRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Maddalena

Left side entering from Triq il-Maddalena

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Maddalena

Right side entering from Triq il-Maddalena

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	68
Bieb bla numru	70
Sit bla bini	72
Sit bla bini	74
Garaxx	76

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		68 (Garaxx)	68
		Bieb bla numru	70
		Ġilju	**74**
		76 (Garaxx)	76

* In-numru 72 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

It-3 ta' Mejju, 2022

Nru. 471

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 289 tal-11 ta' April, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

3rd May, 2022

No. 471

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 289 dated 11th April, 2000, under the title 'Renumbering of doors at San Ġwann', the following amendments in **bold** should be made.

SAN ĠWANN

21. TRIQ IL-FUXA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq in-Naxxar

Left side entering from Triq in-Naxxar

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq in-Naxxar

Right side entering from Triq in-Naxxar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	81		
Sit bla bini	83		
Sit bla bini	85		
Home Sweet Home	87		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
81 (Garaxx)	81		
Bieb bla numru	**83**		
Bieb bla numru	**85**		
87, Home Sweet Home	87		

51. TRIQ IL-LUNZJATA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kappella

Left side entering from Triq il-Kappella

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kappella

Right side entering from Triq il-Kappella

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	43		
Sit bla bini	45		
Sit bla bini	47		
Garaxx	49		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
43 (Garaxx)	43		
Ħanut	**45**		
49 (Garaxx)	49		

* In-numru 47 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

It-3 ta' Mejju, 2022

3rd May, 2022

Nru. 472

No. 472

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 742 tat-28 ta' Lulju, 2015 u 199 tal-20 ta' Frar, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imġarr', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

